**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. GIANNELLA CAMILLERI BUSUTTIL**

**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Illum 7 ta' Frar 2025**

**Kawża Numru: 1697/2025**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roderick Attard)**

**kontra**

**Daniele Di Bona**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imsemmi **Daniele Di Bona** ta' ħamsa u tletin (35) sena, iben Vincenzo u Franca xebba Grande, imwieled l-Italja nhar it-tletin (30) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u disgħa u tmenin (1989), mingħajr indirizz fiss u detentur tal-karta ta' l-identita Taljana bin-numru AY5198068.

U nakkużah talli, ġewwa Triq il-Knisja, San Ġiljan u/jew fi bnadi oħra fil-Gżejjer Maltin, nhar is-sitta (6) ta' Frar tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025):

1. volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma tiskorrix l-mitejn u ħamsin euro (€250), għad-dannu tal-NGO *The Millennium Chapel Foundation* u/jew Father Salvatore Tagliaferro u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra;

2. b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra fil-Kodiċi Kriminali, kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

3. ġarr strument li jaqta' u bil-ponta (mus) barra minn xi fond u/jew id-dintorni tiegħu mingħajr il-liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

   Nakkużah aktar talli nhar is-sitta (6) ta' Frar tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) u/jew fil-jiem u/jew l-ġimgħat u/jew ix-xhur ta' qabel ġewwa l-Gżejjer Maltin

4. għex ħajja ta' għażż u ta' vagabundaġġ

Rat id-dokumenti eżebiti mill-prosekuzzjoni;

Rat illi waqt l-udjenza tal-llum stess, il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti, sabiex f'każ ta` ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena skont il-liġi, tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu konfermata wara li ai termini ta' l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti wissietu bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali ta' l-ammissjoni tiegħu u ngħata biżżejjed żmien sabiex jerġa' jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu u jerġa' lura minnha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat**

L-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u dawn għalhekk ġew sodisfaċentement pruvati skond il-liġi.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti qieset in-natura tar-reati li bihom ġie mixli l-imputat u li tagħhom huwa ddikjara li huwa ħati, kif ukoll, il-fedina penali tal-imputat. Il-Qorti ħadet ukoll in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat rreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri.

Il-Qorti *in oltre* ħadet nota tal-fatt li l-abbli avukat difensur iddikjarat illi ma hemmx kontestazzjoni dwar l-ammont ta' mija u tmintax-il ewro (€118) li ġie ndikat mill-Prosekuzzjoni bħala l-ammont ta' danni subiti, li għandhom jiġu riżarċiti mill-imputat.

**Decide**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 325(1)(c), 338(dd) u 338(w) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikoli 6 u 51(7) tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda ssib lill-imputat **Daniele Di Bona** ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, u qegħda tikkundannah għal piena ta' **tliet (3) xhur priġunerija effettiva**, u multa ta' mija u sittax-il ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47), liema multa għanda titħallas fi żmien ħames xhur mill-llum.

Ai termini ta' l-Artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-ħati jirestitwixxi l-ammont ta' mija u tmintax-il ewro (€118) lil *Millenium Chapel Foundation* bħala kumpens għad-danni magħmula minnu. Dan il-ħlas għandu jsir fi żmien ħames (5) xhur mill-llum.

Il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil

Deputat Reġistratur Michela Attard Deguara